

tintuża bil-mod sussegwenti: p]ajpjijiet jitqiegħdu fuq profili ta' rfigħ[, p]rofili ta' rfigħ oħra jitqiegħdu fuq dawn il-pajpjijiet, li fuqhom jitqiegħdu pajpjijiet mill-ġdid, u eċċ sakemm jitqiegħha n-numru mixtieq ta' pajpjijiet; l-operazzjoni tintemmi dejjem billi jitqiegħed fuq kollex ċertu numru ta' profili ta' rfigħ[; m]eta l-pajpjijiet jiinrabtu flimkien permezz tal-profil ta' rfigħ u meta l-preparazzjoni tat-tagħbija tkun intemmet, ktaijen tal-azzar jitqabbd mal-arbli tal-irfigħ li jkunu jinsabu fl-erba' rkejjen tat-tagħbija (billi jiġi mgħoddija fil-ħoloq tal-arbli tal-irfigħ) u l-merkanzija tkun lesta sabiex titqiegħha permezz ta' krejn jew ta' forklifter fil-każ ta' trasport bl-art?

-
- (¹) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382.
 (²) ĠU 2013, L 290, p. 1, rettiffika fil-ĠU 2014, L 100, p. 13.
-

Rikors ippreżentat fil-21 ta' Diċembru 2021 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Ċeka

(Kawża C-808/21)

(2022/C 109/25)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

Partijiet

Rikorrent: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Ondrušek u J. Tomkin, bħala aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Ċeka

Talbiet

- tiddikjara li, billi ċaħdet li ġi-ċittadini tal-Unjoni li ma humiex ċittadini tar-Repubblika Ċeka iżda li huma residenti fir-Repubblika Ċeka d-dritt li jsiru membri ta' partit politiku jew moviment politiku, ir-Repubblika Ċeka naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 22 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
- tikkundanna lir-Repubblika Ċeka għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Skont l-Artikolu 22 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kull ċittadin tal-Unjoni li jirrisjedi fi Stat Membru li tiegħu ma jkollux iċ-ċittadinanza għandu jkollu d-dritt li jivvota u li joħroġ bħala kandidat għall-elezzjonijiet muniċipali u għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-Istat Membru fejn huwa jirrisjedi, taħt l-istess kundizzjonijiet li jaapplikaw għall-persuni li jkollhom iċ-ċittadinanza ta' dak l-Istat.

Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, fid-dawl tal-fatt li ċittadini tal-Unjoni li ma humiex ċittadini tar-Repubblika Ċeka iżda li huma residenti fir-Repubblika Ċeka ma għandhomx id-dritt li jsiru membri ta' partiti politiċi jew ta' movimenti politiċi, dawk iċ-ċittadini tal-Unjoni ma jistgħux jeżer-ċitaw id-drittijiet politiċi mogħiġi lilhom taħt l-Artikolu 22 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea taħt l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini tar-Repubblika Ċeka.

Appell ippreżentat fit-12 ta' Jannar 2022 minn KS u KD mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġeneral (Id-Disa' Awla) fl-10 ta' Novembru 2021 fil-Kawża T-771/20, KS u KD vs Il-Kunsill et-

(Kawża C-29/22 P)

(2022/C 109/26)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: KS u KD (rappreżentanti: J. Stojasavljevic-Savic, Solicitor, F. Randolph QC u P. Koutrakos, Barrister)